# Dun Ġorġ u l-Karmelu




Ġorġ, imwieled fit-12 ta' Frar 1880 f'dar n. 53 fi Strada Ponente, erba' passi 'l bogħod mill-knisja santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, mal-Magħmudija ġie mlibbes il-labtu tagħha. Għalhekk ma setax jonqos ukoll li sa minn ċkunitu, it-tfajjel Ġorġ ma jixrobx mill-ispritwalità Karmelitana. Meta mbagħad kellu 38 sena u b'14-il sena saċerdozju Dun Ġorġ talab li jiġi msieħeb fost it-terzjarji ta' l-Ordni Karmelitan. It-talba tiegħu ġiet milqugħa fl-Lulju u f'Settembru ta' sena wara t-tagħrif dwar il-professjoni tiegħu ġie mniżżel f'reġistrju apposta miżmum fil-kunvent tal-Karmnu annes mal-knisja l-antika ta' S. Venera.

Dun Ġorġ fehem tajjeb ħafna li d-dmir tiegħu bħala Nisrani u iktar bħala terzjarju Karmelitan ma kienx jikkonsisti biss li huwa jimita lill-Imqaddsa Verġni Marija, imma wkoll li jwassal l-imħabba materna tagħha lill-bnedmin kollha, ukoll fir-rigal tal-Labtu tal-Karmnu. Ippriedka din id-devozzjoni bla serħan. Bis-saħħa tiegħu mijiet ta' nsara thajru jilbsu l-Labtu.

Obbliga wkoll lill-membri tas-Soċjetà tiegħu biex jilbsuh dejjem (*Regula* paragrafu 640) u ried li huma wkoll ikunu appostli tal-Labtu Mqaddes. Ħafna minnhom, fuq l-eżempju tal-fundatur, huma wkoll Terzjarji Karmelitani. Xi soċji interni talbu biex jidħlu fratelli fl-Ordni Karmelitan u hu kien iżurhom fil-kunvent ta' *Fleur des Lys*. Fir-Regula (paragrafu 453) ħalla miktub li s-soċji responsabbli mis-sajdiet parrokkjali għandhom ifittxu li jxerrdu bil-predikazzjoni d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u l-Labtu tagħha. Barra minn hekk Dun Ġorġ ried li t-tfal kollha tal-MUSEUM, wara l-Ewwel Tqarbina, ikunu miktubin fil-Labtu tal-Karmnu u mqegħdin taħt il-protezzjoni ta' Marija.

Fil-ktejjeb, *Il-qaddisin ikellmuna*, meta Dun Ġorġ ġie jikkummenta dwar il-viżjoni ta' San Xmun Stock, huwa sthajjel lill-qaddis jgħidina: "Ilbsu lil Marija, intom li thobbu lil Marija". Hawn jagħmel appell biex l-imitazzjoni ta' Marija tieħu l-għamla ta' imitazzjoni tal-virtujiet tagħha.

Fl-1951, fl-okkażjoni tas-750 sena tal-Labtu, il-Papa Piju XII, fl-Ittra tiegħu lill-Karmelitani fisser din id-devozzjoni bħala sinjal ta' konsagrazzjoni ta' l-individwu lill-Verġni Marija. Dun Ġorġ tkellem proprju minn din "il-konsagrazzjoni" ħafna snin qabel. Meta waqqaf il-Museum ried li l-Ħadd fuq is-16 ta' Lulju, festa tal-Madonna tal-Karmnu, il-membri tas-Soċjetà jiltaqgħu biex jitkellmu fuq is-sitt virtujiet prinċipali ta' Marija, biex hekk jimitawha u jikkonsagraw ruħhom lilha.

Dun Ġorġ kien iħossu membru tal-Familja Karmelitana. F'xi kitbiet tiegħu kien jiffirma bl-isem ta' Franku flok dak ta' Ġorġ. (P. Franku kien ismu bħala terzjarju Karmelitan, imsemmi għal reliġjuż Karmelitan Taljan li għax qabel kien midneb għex f'penitenza kbira u b'imħabba speċjali lejn Marija). Magħruf hu "Is-Salm ta' Patri Franku, Karmelitan". Fil-ktieb tiegħu *Il-Lapidjarju,* Dun Ġorġ jiftaħ b'dawn il-kelmiet: "Jirrakkonta l-Awtur ta' din l-opra msejħa Il-Lapidarju li fil-ħolm deherlu San Ġwann l-appostlu ta' Kristu u qallu: 'Inti reliġjuż Karmelitan u għalhekk inti wieħed minn l-aħwa ta' Marija SS.ma dejjem verġni'..."

Dun Ġorġ kien iżur spiss il-kunventi u l-knejjes Karmelitani biex jitlob fis-skiet, jagħmel xi konferenza jew jippriedka. Hawn min jiftakru jippriedka fuq San Ġwann tas-Salib f'Ta' Xbiex ġo kappella temporanja qabel ma nbena l-kunvent u l-knisja ddedikata lilu. Kien iżur ukoll xi patrijiet. Hekk kien ikun fil-kunvent ta' S. Alfons tal-patrijiet Karmelitani Tereżjani u jitla' fil-kamra ta' P. Rafel Despott (1876–1955).

Għall-imħabba tiegħu lejn il-Madonna tal-Karmnu bosta diretturi lokali tat-Terz Ordni kienu jistidnuh biex jagħmel konferenzi

lill-fraternitajiet. Fl-1951, fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-Seba' mitt sena mill-għoti tal-Labtu tal-Karmnu, Dun Ġorġ ħadem bla serħan u id f'id mal-patrijiet Karmelitani. Fis-sena ta' wara bħala rikonoxximent għas-sehem kbir tiegħu fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, huwa ġie affiljat ma' l-Ordni Karmelitan (daqs li kieku kien wieħed mill-patrijiet) mill-Pirjol Ġeneral, Patri Kiljan Lynch.

Dun Ġorġ għadda l-aħħar ftit snin ta' ħajtu fil-parroċċa ta' Santa Venera mmexxija mill-patrijiet Karmelitani. Qabel ma miet fid-dar li tinsab fi Triq il-Parroċċa, huwa kien assitit bis-sagramenti mill-kappillan, Patri Kiljan Azzopardi, O.Carm.

Dun Ġorġ ma kienx saċerdot ta' bandiera waħda. Kellu devozzjoni lejn il-Madonna taħt titli diversi u fl-istess waqt, iżda l-aktar lejn il-Madonna tar-Rużarju (Rużarju), il-Verġni Immakulata (Medalja Mirakuluża) u l-Madonna tal-Karmnu (Labtu).

## L-Ispiritwalità ta' Dun Ġorġ

Dun Ġorġ kellu l-kariżma tal-fundatur. Kellu l-ħila jixrob mill-għejjun ta' l-ispiritwalità, jagħmlu tiegħu, imbagħad jgħaddih lil ħaddieħor f'għamla ħajja u sempliċi. Kitbietu juru li kien jaf tajjeb il-ħajja u t-tagħlim ta' San Vinċenz de Paola, San Filippu Neri, San Alfons Marija de Liguori, San Franġisk t'Assisi, San Injazju ta' Loyola, Santa Tereża ta' Ġesù u San Ġwann tas-Salib. Kien spiss jgħid: "Il-ħobż tiegħi nagħmlu mid-dqieq li nieħu mill-ixkejjer ta' l-oħrajn. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd jieħu mill-istess xkora: l-Evanġelju".

Ħsieb ċentrali ta' l-ispiritwalità tiegħu kienet l-Inkarnazzjoni, il-*Verbum Dei caro factum est – Il-Verb t'Alla sar bniedem.* Kien u hu l-motto ta' ħajtu u tas-Soċjetà tiegħu. Fuq l-eżempju ta' l-Imgħallem, Dun Ġorġ inkarna ruħu fil-ħajja tal-poplu Malti, waqt li għażel iż-żgħar, il-foqra il-morda, il-batuti, in-nies sempliċi. Fittex li jħobb 'l Alla b'ruħhu, b'qalbu u l-qawwa tiegħu kollha.

*Patri Wistin Vella OCD*




## *Tislima bil-Malti tal-Papa Benedittu XVI fi tmiem il-Kanonizazzjoni ta' San Ġorġ Preca*



*"Maħbubin ħuti fi Kristu Maltin u Għawdxin, il-Paċi magħkom. San Ġorġ Preca huwa l-ewwel iben kanonizzat ta' l-art ħelwa tagħkom. Huwa t-tieni missier tagħkom fil-fidi wara l-Appostlu San Pawl. Huwa jitlob dejjem għalikom biex tkunu tassew ħbieb ta' l-Evanġelju. San Ġorg Preca, itlob għalina!"*

